Mil-Kav Stanley Mangion E.O.H.S.M.



# Kif jinbidel il-kliem u kif tinbidel it-tifsira

## *L-ewwel parti*

Waqt ir-riċerka li għamilt tul is-snin fix-xogħolijiet tiegħi, sibt xi ħaġa tassew kurjuża u fl-istess ħin interessanti. Kif jinbidel il-kliem! Kelma oriġinali, bil-Malti u mal-milja taż-żmien, minn ġenerazzjoni għall-oħra, il-kelma oriġinali tinbidel u magħha tinbidel ukoll it-tifsira. Ġeneralment dan it-tibdil iseħħ l-aktar fl-ismijiet ta' lokalitajiet jew ħoriet għalkemm, kif sejrin naraw dan il-fenomenu jseħħ ukoll fil-kelma mitkellma ta' kuljum. Ngħid għalija sibtha xi ħaġa ferm interessanti. F'din il-kitba tiegħi se nagħti ftit eżempji. F'artiklu qatt ma tista' timraħ u tinfirex. Biss wieħed jittama li dan l-artiklu jkun inċentiv ta' aktar studju profond u wiesgħa f'din it-tema.

### Mhux fil-Malti Biss

Nibda biex ngħid li fenomenu bħal dan ma jseħħx fil-Malti biss imma jseħħ ukoll fl-ilsna differenti tul il-milja tas-snin. Jiena se nġib bħala eżempju klassiku l-isem tal-famuż baħar tal-Eġittu li l-poplu Lhudi kellu jaqsam biex mill-art tal-eżilju jgħaddi għall-art ħielsa. Għalina l-Maltin, dan il-baħar konna nsibuh bħala l-Baħar l-Aħmar. Fit-traduzzjonijiet tal-Iskrittura, li sa xi ftit snin ilu kellna biss bl-Ingliż u wisq probabbli kellna biss it-traduzzjoni Protestanta, l-isem ta' dan il-baħar kien miktub Red Sea. Minn hawn ġara li dan il-baħar kien magħruf fostna l-Maltin bħala l-Baħar l-Aħmar. Il-kelma "Reed" tilfet l-ittra e u spiċċat tinqara "Red". Araw x'differenza tagħmel it-telfa ta' sempliċi ittra e. Mill-baħar tal-Qasab spiċċa Il-Baħar l-Aħmar. Illum għandna t-traduzzjoni bil-Malti. Sar tiftix letterarju ġdid u reġgħet inkisbet il-kelma oriġinali tal-isem ta' dan il-baħar tant famuż u li tant hu marbut mal-istorja tal-Poplu Lhudi. Kien f'dan il-baħar li seħħet l-għarqa tal-eżerċitu tal-Fargħun, bil-għarqa tal-Fargħun innifsu. Kien f'dan il-baħar li seħħ il-ħelsien mill-mewt tal-akbar profeta Lhudi, Mosè, meta dan tqiegħed ġo kannestru biex jisgiċċa l-mewt. Baħar tant interessanti wkoll ekonomikament illum bil-għaqda ta' dan il-baħar mal-baħar tal-Mediterran permezz tat-tħaffir ta' kanal hekk magħruf bħala l-Kanal tas-Suez.

### Kliem Maltin

Nixtieq inkompli din id-daqxejn ta' mixja tiegħi bi tliet eżempji ta' kliem Malti li biż-żmien tilef it-tifsira oriġinali tiegħu u ħa tifsiriet oħrajn mal-mixja taż-żmien. L-ewwel eżempju li se nġib hi l-kelma 'pastaż.' Oriġinarjament, il-kelma 'pastaż' kienet tfisser qaddej, jew inkella dik il-persuna li ġġorr għal sidu affarijiet li jkun xtara. Dari, bħala regola ġenerali s-sinjur jew sid kif ukoll is-sinjura kienet tmur tixtri msieħba ma' xi qaddej li xi drabi kien ikun ukoll ilsir. Is-sinjura

tixtri w il-pastaż iġorr it-toqol tat-tagħbija. Biż-żmien il-kelma pastaż ħadet tifsira oħra u saret tfisser bniedem li jagħmel affarijiet baxxi. Tfisser ukoll ħamallu jew vulgari.

Forsi nistgħu ukoll nieħdu bħala eżempju il-kelma 'ruġġjata.' Skont il-miklem ta' Falzon din il-kelma tfisser xarba li hi taħlita ta' żerriegħa tal-bettieħ imfarrak, mħallta bl-ilma. Illum meta nirreferu għal ruġġjata hi xarba friska bis-silġ magħmula minn essenzi ta' togħmiet differenti, fosthom lewż morr.

## Miġja l-Ferħa jew Miġra il-Ferħa?

Il-post magħruf bħala Miġja l-Ferħa hu 'l isfel mill-Baħrija u l-Kunċizzjoni. Hi ħora li tmiss mal-baħar u hi mimlija blat. Bħala post fejn il-baħar hu mkenni u mistur mill-għoljiet li semmejna u ta' Wied Gerżuma. It-tradizzjoni tgħidilna li kien f'dan il-post mistur li żbarka l-Konti Ruġġieru meta minn Sqallija salpa lejn Malta biex iqalfat lill-Misilmin minn artna wara ħakma ta' aktar minn mitejn sena. Jingħad li f'dan il-lokal, il-Maltin niżlu jilqgħu b'ferħ kbir u bit-tixjir tal-palm lill-Konti Ruġġieru. Biss tassew hu minnu dan? Minnu hu li l-Konti Ruġġieru ġie Malta, ħa t-tmexxija f'idejh u għadda lil Malta f'idejn is-Saltna ta' Sqallija. Biss tassew żbarka hemm? Aktar le milli iva. Hu minnu li dan il-post hu tassew mistur u mwarrab imma tant hu post selvaġġ biex xwieni jitrakkaw miegħu. Oriġinarjament din il-ħora kienet magħrufa bħala Miġra. Il-kelma Miġra, plural Mġarr tfisser għajn ta' ilma ħelu. Probabilment f'dan il-post xi darba kien hemm għajn kbira u sabiħa tal-ilma fawwari li kien jferraħ lill-bdiewa tal-post bl-ilma ġieri tagħha. Imma ġara li kien hemm xi storiku li bidel il-kelma Miġra għall-Miġja. Sempliċiment biddel l-ittra r fl-ittra j biex b'xi mod jiġġustifika l-post fejn seta' żbarka l-ġellied u gwerrier qalil, iċ-ċelebri Konti Ruġġieru. Bil-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta żgur li ferħu biha min kien fil-jasar għax żgur li akkwista l-ħelsien. Żgur li ferħu bih il-minoranza kattoliċi li kien hawn f'Malta u li żammew ħaj id-din nisrani f'pajjiż Musulman. Imma l-Maltin Għarab li naħsbu li dak iż-żmien kienu fil-maġġoranza żgur li ma ħadux gost bih. Biss jidher li l-Konti Ruġġieru sab kompromess li bih ħalla jgħixu hawn Malta n-nies Għarab li kienu jgħammru fi gżiritna li kienu l-maġġoranza tal-poplu Malti. Aktar 'l quddiem insibu li l-Għarab Maltin għollew rashom u saħansitra organizzaw rewwixta kontra Sqallija biex jerġgħu jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-gżejjer Maltin. Imma jidher li din ir-rewwixta falliet u l-pjan falla. Kien wara din ir-rewwixta li beda l-proċess ta' Latinizzazzjoni tal-poplu Malti. F'dan il-proċess li nsibu li seħħ ukoll fi Sqallija, l-Għarab Maltin, forsi min bil-ħlewwa u forsi ukoll min b'daqxejn dnewwa ħaddan il-kultura Ewropea fejn iddominat ir-reliġjon Kattolika.

## Burmarrad jew Bur Warrad?

Burmarrad hi l-wilġa art jew pjanura li naraw taħt il-Mosta li twassal sa San Pawl il-Baħar. Din il-wilġa hi mkennija minn għolja li llum iġġib l-isem ta' San Pawl Milqi. Aktar 'l quddiem se nitkellmu fuq din il-ħora ukoll. Il-kelma Bur tfisser Għadira. Studjużi Maltin fosthom il-Professur Pietru Pawl Saydon kienu tal-fehma li fis-Sajf dan il-bur jew din l-għadira kienet iżżomm dak li jgħidulu ilma qiegħed. L-ilma qiegħed iġib ħafna nemus u dan in-nemus infettat kien iġib ukoll il-mard miegħu. Nafu li l-marda kiefra tal-malarja hi frott ta' nemus li jġorr mikrobi miegħu li

mal-gidma jinjettah fil-bniedem u jmarrdu. Biss meta kont qed naqleb mill-ilsien Latin iż-Żjara tal-isqof Balaguer fin-Naxxar sibt mod ieħor. Meta l-viżitaturi marru jaraw il-knejsa ddedikata lil Santa Margerita huma jirreferu għal din il-ħora bħala Bur Warrad jiġifieri għadira li twarrad jew li madwarha jikber ħafna ward. Meta naħsbu fuq l-interpretazzjoni ta' Mons Saydon hu diffiċli ferm nisthajlu f'Malta bur jew għadira fis-Sajf tagħna. Bħala gżira żgħira, l-għadajjar tagħna tant huma żgħar li l-ftit ilma li jibqa' wara l-iżmna tar-Rebbiegħa żgur li tixxotta mill-ilma minħabba l-evaporazzjoni mix-xemx. Għalhekk fix-xhur tas-Sajf jew ix-xhur tan-nemus tkun battala u niexfa qoxqox u għalhekk nemus marradi ma jistax jirgħa f'dan il-post għax ilma ma jkunx hemm. Bi prudenza l-iżjed kbira nistgħu ma naqblux mal-interpretazzjoni ta' Mons Saydon li kien studjuż kbir tal-Kotba Mqaddsa. L-isem ta' Bur Warrad hu tassew realistiku għax sallum din il-lokalità hi tassew għammiela fil-biedja u mal-wied li jgħaddi minnha, li llum hu żgħir ħafna, tikber ħafna flora u fawna l-ġmiel tagħhom. Naħsbu li llum l-biċċa l-kbira ta' din l-għadira nbidlet f'raba' għammiel kemm b'mod naturali għax il-ħamrija ta' fuq l-għoljiet bl-ilma tax-xita niżlet 'l isfel u forsi ukoll b'ħidmet il-bniedem li kompla jwitti xi partijiet minn din l-għadira.

## San Pawl Milqi jew San Pawl Mirqi?

'L fuq semmejna l-għolja li tkenni l-wilġa ta' Burmurrad, l-għolja magħrufa bħala San Pawl Milqi. Fuq il-quċċata ta' din il-gudja hemm xhiedha l-iżjed kbira ta' rħajjel li fih kien hemm industriji ewlenin ta' żmien ir-Rumani. Dawn is-snajja' ewlenin huma l-għasir tal-għeneb u taż-żebbuġ. Jista' jkun li fuq din il-għolja, skont it-tradizzjoni kien hemm binja kbira li fiha kien jgħix il-ħakem jew il-Protos tal-gżira tagħna li kien jismu Publius. Nafu li l-gżejjer Maltin kienu jgawdu ċerta indipendenza minn Ruma u għalhekk it-tmexxija tal-gżejjer Maltin kienet merħija f'idejn ix-xewqat tal-Maltin, dejjem sa ċertu punt. Din il-ħora li fiha kien joqgħod Publius kienet magħrufa bħala San Pawl Mirqi. Il-kelma Mirqi tfisser tfejjaq jew inkella tikkura. Nafu li meta San Pawl ra l-għarqa fuq il-blat samm ta' Malta, missier Publius kien marid bid-disenterija li hi marda tipikament Maltija. Nafu ukoll li meta San Pawl ġie Malta fejjaq lill-missier Publius li kien marid. Hekk dan il-post kien magħruf bħala San Pawl Mirqi jiġifieri San Pawl fejjaq. Forsi ukoll kien f'dan il-post fejn il-Maltin ġabulu l-morda tagħhom biex ifejjaqhom wara li seħħ il-fejqan ta' Publius kif jirrakonta San Luqa fl-Atti tal-Appostli. San Luqa ma jsemmix dan il-post b'ismu, imma jgħid li kif seħħ dan il-miraklu ta' missier Publius, il-Maltin ressqu l-morda tagħhom biex jiksbu l-fejqan. Għalhekk l-isem ta' din il-ħora, San Pawl Mirqi joqgħod tassew. Imma ġara li biż-żmien il-kelma "mirqi" tbidlet fil-kelma "milqi" billi sempliċiment waqgħet l-ittra r u flokha tqegħdet l-ittra l. Biex tagħqad xi studjużi l-kelma milqi fissruha bħala milqugħ u qalu li dan il-post jismu San Pawl Milqi għax il-Maltin laqgħu lil San Pawl f'dan il-post fejn x'aktarx kien jgħix Publius flimkien mal-ħaddiema li kellu mdawwrin miegħu. Hekk tħalltet ħaġa m'oħra u baqgħet hekk illum. Ġara dak li jgħid il-qawl Malti, l-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim.

## Fuħħarin jew Foħħarin

Minn Burmarrad jew aħjar Bur Warrad immorru ġewwa Birkirkara. Ħafna kienu jirreferu għall-Karkariżi bħala "l-Foħħarin" jiġifieri nies li jafu jiftaħħru. U ngħiduha kif inhi għandhom biex ukoll. Biżżejjed ngħidu li l-Karkariżi għandhom l-akbar qampiena li hawn f'Malta. Il-parroċċa

ta' Birkirkara tmur lura żgur għall-1402 bħala dokumentazzjoni. Kienet parroċċa kbira ħafna u kienet testendi sa tas-Sliema u l-Ħamrun. Għalhekk, Birkirkara hi knisja-omm (martriċi) ta' bosta parroċċi oħrajn f'Malta. Ma ninsewx ukoll is-sehem li Birkirkara tat kemm fl-Assedju l-Kbir kif ukoll fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Kien f'Birkirkara li perpret għall-ewwel darba l-bandiera Ingliża. Niftakru fil-mexxej Ċensu Brared. Barra dan kienu diversi nies bravi li twieldu u għexu f'din il-belt. L-iskultur Salvu Psaila kien wieħed minnhom. Aktar riċenti għex ukoll Sir Anthony Mamo, l-ewwel President tar-Repubblika ta' Malta.

Biss oriġinarjament Birkirkara kien magħruf bħala raħal il-Fuħħarin għax Birkirkara kien imsemmi għax-xogħol tal-fuħħar li kien isir fih. Illum permezz ta' festival li jorganizza l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sirna aktar konxji ta' dan. Jidher li mal-mixja taż-żmien l-ittra u nbidlet fl-ittra o u saret taqliba sħiħa li gerfxet il-ħsieb oriġinali u karatteristiku ta' Birkirkara bħala dak il-post magħruf ħafna għall-manifattura jew ħdim tal-fuħħar. Il-ħdim tal-fuħħar hu tassew industrija qadima fil-gżejjer Maltin u raddet l-għajxien lill-eluf ta' Maltin. Fl-antik kienu jsajru fil-fuħħar. Kienu jaħżnu l-ilma fil-fuħħar. Kienu jaħżnu l-imbid fil-fuħħar. Mal-mixja taż-żmien daħal il-ħġieġ. Daħal ukoll il-ħadid. Fuq kollox daħal il-plastik. Dawn l-elementi dgħajfu l-ħtieġa tal-fuħħar fil-ħajja ta' kuljum. Il-fuħħarin naqsu sew u nistgħu ngħidu li għebu minn ġo Birkirkara. Imma l-istorja hi hemm, u xejn mhux se jbiddilha. F'Malta l-produzzjoni tiegħu kważi naqset għal kollox. Imma għalkemm limitat għadha teżisti l-produzzjoni tiegħu. Hemm ukoll l-arti dekorattiva tal-fuħħar li hi ċ-ċeramika li llum ħadet spinta kbira bħala arti u saret ukoll apprezzata ħafna. Tajjeb għalhekk ngħallmu lil uliedna li l-karatteristiċi ewlenin ta' Birkirkara huma l-industrija tal-fuħħar u l-kultivazzjoni tas-siġar tal-ħarrub. Hemm għajdut tant interessanti li jgħid li l-Karkariżi wara li jiċċelebraw l-għid ta' Santa Elena filgħodu, filgħaxija kienu jmorru jibdew jaqtgħu l-ħarrub għax ma' Santa Elena l-ħarrub ikun wasal biex jinqata' mis-siġar. Ma nafx kemm il-ġenerazzjoni tallum tiġihom f'moħħhom li dan hu tassew minnu. Imma hekk hu.

## Il-Gargur, Ħal Għargħaw jew Ħal Għargħur?

Isem ieħor ta' raħal li l-isem tiegħu għadda minn taħwid ġmielu hu Ħal Għargħur. Mis-sotto titolu nindunaw li hemm tliet verżjonijiet differenti li daqqa jitgħawwġu 'l hawn u daqqa jitgħawwgu 'l hemm. Forsi interessanti ninnutaw li dan it-tgħawwiġ tal-isem ta' dan ir-raħal mhuwiex riżultat biss ta' tgħawwiġ ikkawżat minn ilsien il-poplu Malti tul il-medda tas-snin. Fiż-żjajjar pastorali li għamlu l-isqfijiet f'dan ir-raħal insibu dan it-tgħawwiġ fl-isem ta' dan ir-raħal. Għax it-tliet ismijiet huma msemmija fiż-żjajjar pastorali li qed insemmi. Dan jista' jkun għax il-kittieb li ħażżeż u sawwar fi kliem dak li ra u sema' f'dawn iż-żjajjar magħrufa teknikament bħala "peritus" jew ipprova jillatinizza l-isem semitiku ta' dan ir-raħal jew inkella niżżel id-diversi ismijiet li bihom kien magħruf dan ir-raħal. Biss jekk infittxu xi tfisser il-kelma Għargħur insibu li din hi isem ta' pjanta jew aħjar siġra li kienet tikber ħafna f'din il-ħora. Għalhekk dan ir-raħal ħa ismu minn din il-pjanta jew siġra. Il-kelma Ħal tfisser raħal. Allura raħal il-Għargħur. Mikiel Anton Vassalli fil-Lexicon tiegħu jirreferi għal dan ir-raħal bħala Għargħur, *bel villaggio alla parte settentronale di Malta*. Iżid ukoll il-kelma Għargħuri li jiddefiniha bħala, *del suddetto paese*. Falzon fid-dizzjunarju tiegħu jsemmi Għargħar li jfisser bħala *juniper tree* bl-Ingliż u bit-Taljan bħala *ganipero, ginepro u albero.*

*ikompli fil-ħarġa li jmis*